fi compass



# Mod sostenibbli sabiex jintlaħqu objettivi ekonomiċi u soċjali tal-UE

## Strumenti finanzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea

Bank Ewropew tal-Investiment
il-bank tal-UE

## Strumenti Finanzjarji ko-finanzjati mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej huma mod sostenibbli u effiċjenti sabiex wieħed jinvesti fit-tkabbir u fl-iżvilupp tal-individwi u tan-negozji fl-Istati Membri u fir-reġjuni tal-UE. Huma jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' riċevituri, bil-potenzjal li l-fondi jistgħu jerġgħu jintużaw f'investimenti ulterjuri.

Il-**Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE)** – li jikkonsistu mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), mill-Fond Soċjali Ewropew (FSE), mill-Fond ta' Koeżjoni (FK), mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u mill-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS) – jistgħu jintużaw sabiex jappoġġjaw l-iżvilupp b'mod komprensiv billi jsir investiment ngħidu aħna fin-negozji, fir-riċerka u żvilupp, fl-infrastruttura, fl-impjiegi u taħriġ, fl-agrikoltura, fl-iżvilupp tal-forestrija u tas-sajd, bl-objettiv globali biex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja taċ-ċittadini tal-UE. Xi €450 biljun mill-FSIE huma disponibbli għall-Istati Membri u għar-reġjuni tagħhom bejn il-perjodu 2014-2020. **Il-politiki ta' koeżjoni, żvilupp rurali u marittimi** flimkien huma l-akbar oqsma ta' investiment tal-UE għall-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv.

L-Istati Membri u r-reġjuni jistgħu jagħmlu użu mill-istrumenti finanzjarji bħala mod effiċjenti u sostenibbli sabiex jipprovdu appoġġ immirat lejn prijoritajiet ta' programm ko-finanzjat mill-FSIE. L-Istrumenti Finanzjarji huma addattati għall-proġetti finanzjarjament vijabbli, i.e. dawk li mistennija jiġġeneraw biżżejjed qligħ jew tfaddil sabiex iħallsu lura l-appoġġ li rċivew. L-Istrumenti Finanzjarji għandhom jindirizzaw falliment fis-suq identifikat, eż. Fejn il-banek mhumiex lesti li jsellfu u/jew fejn is-settur privat mhux lest li jinvesti.

L-ammonti investiti permezz ta' strumenti finanzjarji taħt il-programmi tal-FEŻR u tal-FSE kibru b'mod sinnifikanti fl-aħħar snin. L-ammonti huma mistennija li jiżdiedu aktar taħt il-ħames FSIE bejn l-2014-2020, kif ukoll fil-kuntest tal-Pjan tal-Investiment għall-Ewropa.

**Kontribuzzjonijiet tal-Programmi lejn strumenti finanzjarji (€ biljun)**




L-Istrumenti Finanzjarji huma flessibbli u jipprovdu appoġġ fl-aqwa forma addatta għall-investiment, eż. self, mikrokreditu, garanzija jew ekwità:

## Strumenti Finanzjarji: Tipi ta' appoġġ u eżempji illustrattivi

### *Is-Self*

Is-self huwa finanzjament avvanzat għall-ditti jew individwi li għandu jiġi mħallas skont skeda pre-definita. Dan jintuża meta l-banek ma jkunux lesti li jsellfu, jew sabiex joffri finanzjament b'termini aħjar (eż. b'rata ta' interess aktar baxxa, b'perjodu ta' ħlas lura itwal, jew rekwiżiti tal-kollateral aktar baxxi).

Skema ta' self iffinanzjata mill-UE fl-Estonja appoġġjat ir-rinnovazzjoni għall-standards moderni ta' 619-il bini ta' appartament, b'aktar minn 22,000 appartament individwali, bi tfaddil sostanzjali fuq l-enerġija milħuqa u titjib fl-ambjent ta' għejxien għall-abitanti.

### *Mikrokreditu*

Il-mikrokrediti huma metodi ta' self żgħir magħmul għan-nies jew għal negozjiżgħar ħafna, li ħafna drabi jkunu esklużi mill-aċċess għas-servizzi finanzjarji. Tipikament dawn huma provduti fuq perjodu ta' self qasir u mingħajr jew b'kollateral żgħir ħafna.

Fl-Ungerija, mikrokreditu u skema ta' għotja kombinata ffinanzjati mill-UE tejjbu is-sitwazzjoni ta' aktar minn 9,000 mikro-intrapriża li qed jikbru billi żiedulhom l-aċċess tagħhom għar-riżorsi finanzjarji.

### *Garanziji*

Il-garanziji jipporvdu assigurazzjoni lil min isellef li l-kapital tagħhom ser ikun mħallas lura kollu kemm hu jew parzjalment jekk min issellef jonqos milli jħallas is-self tiegħu. Il-fornitur tal-garanzija jkun responsabbli sabiex ikopri n-nuqqas jew l-inadempjenza tas-self ta' min issellef.

Skema ta' garanzija ffinanzjata mill-UE fir-Rumanija ippermettiet garanziji lil aktar minn 694 benefiċjarji (bdiewa u SMEs rurali) sabiex tgħinhom itejjbu il-metodu ta' produzzjoni u biex jipproteġu u jtejjbu lill-ambjent. S' issa din għenet biex jinħolqu jew jinżammu 10,200 post tax-xogħol.

### *Ekwità*

L-istrumenti ta' ekwità jinvolvu investiment tal-kapital f'ditta bi skambju għall-pussess totali jew parzjali ta' dik id-ditta; l-investitur tal-ekwità jista' jassumi xi kontroll tal-immaniġġjar tad-ditta u jista' jaqsam il-profitti tagħha. L-istrumenti jinkludu kapital ta' riskju, kapital inizjali jew kapital għal negozji li għadhom kemm fetħu. Ir-ritorn jiddependi mit-tkabbir u mill-profittabilita tan-negozju. Dan jiġi ggwadanjat ladarba l-investitur jbiegħ il-parti tiegħu tan-negozju lill-investitur ieħor ("ċessjoni"), jew permezz ta' offerta inizjali għall-pubbliku (OIP).

Strument ta' kapital ta' riskju ffinanzjat mill-UE fis-Sassonija, il-Ġermanja, investa f'45 kumpaniji żgħar, u għenhom jgħelbu l-fażi diffiċli inizjali u appoġġja t-tkabbir tagħhom, billi ppermettilhom jisfruttaw ideat u teknoloġiji innovattivi. Dan għen sabiex jinħolqu jew jinżammu aktar minn 450 post tax-xogħol.

## Kif jaħdmu l-istrumenti finanzjarji?

Il-fondi jiġu allokati mill-baġit tal-UE lill-pajjiżi jew reġjuni sabiex jitwettqu strateġiji ta' żvilupp ekonomiċi u soċjali għal perjodu ta' seba' snin li jikkumplimentaw l-istrateġjia tat-tkabbir u tal-impjiegi Ewropa 2020 u li huma spjegati fil-'programmi' mifthema mal-Kummissjoni Ewropea. Il-programmi huma implimentati mill-Istati Membri tal-UE u mir-reġjuni li jiddeċiedu x'tip ta' proġetti u investimenti huma l-aktar addattati għall-istrateġiji tagħhom. Dan ix-xogħol huwa organizzat mill-'awtoritajiet maniġerjali' f'kull pajjiż u/jew reġjun. L-awtoritajiet maniġerjali

jiddeċiedu fejn ser jintużaw l-għotjiet jew l-istrumenti finanzjarji sabiex jipprovdu appoġġ.

Qabel jiġu allokati l-flus għall-istrument finanzjarju, l-awtoritajiet maniġerjali għandhom jassessjaw dak li huwa meħtieġ, għaliex u minn min. Per eżempju, reġjun jista' jkollu ditti b'teknoloġija għolja li ma jistgħux jaċċessaw finanzjament ordinarju tal-bank minħabba li l-proġetti tagħhom huma riskjużi wisq. Jew, jista' jkun, li hemm ditti verament żgħar u imprendituri li ma jistgħux jiksbu self minħabba li m'għandhom ebda rekord mal-bank jew ebda garanzija x'joffru. Imsejjes fuq assessjar fil-fond tal-bżonnijiet, wieħed jew aktar strumenti finanzjarji jistgħu jiġu stabbiliti. L-istrumenti finanzjarji ġeneralment jiġu ġestiti minn istituzzjonijiet finanzjarji li joperaw fuq skala nazzjonali jew reġjonali (bħal m'huma l-banek) li jiġu magħżula u inkarigati li jħaddmu l-istrumenti finanzjarji f'isem l-awtorità maniġerjali. L-istrumenti finanzjarji li jużaw fondi tal-UE huma għalhekk ħafna drabi imwassla fir-reġjun jew fil-lokal, minn istitutzzjonijiet li huma diġà familjari ma' dawk li finalment jirċievu l-appoġġ.

L-istrumenti finanzjarji għandhom jiġu investiti fi proġetti li jippromwovu l-objettivi tal-FSIE. Dawn jistgħu jkopru kull waħda mill-ħdax il-Objettiv Tematiku definiti għal perjodu bejn l-2014-2020:

- Riċerka u innovazzjoni
- Informazzjoni u teknoloġiji tal-kommunikazzjoni (ICT)
- Kompetittività għall-intrapriżi żgħar u medji (li tinkludi negozi rurali, proċessar tas-sajd u akwakultura)
- Ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju
- Adattament għat-tibdil fil-klima u mmaniġġjar tar-riskju
- L-ambjent u effiċjenza fir-riżorsi
- Trasport sostenibbli u restrinġiment tan-netwerk
- L-impjiegi u mobilità lavorattiva
- L-inklużjoni soċjali u l-faqar
- L-edukazzjoni
- Il-kapaċità istituzzjonali

L-istrumenti finanzjarji appoġġjati mill-FSIE għandhom jikkonformaw ma' proviżjonijiet speċifiċi regolatorji li huma stabbiliti f'firxa ta' leġiżlazzjoni: ir-Regolament dwar Dispożizzjoni Komuni (RDK) li jirregola l-implimentazzjoni tal-FSEI; kull wieħed mill-regolamenti speċifiċi għall-fond u diversi regolamenti delegati u implimentattivi relatati.

# Kif jaħdmu l-istrumenti finanzjarji?




# L-istrumenti finanzjarji joffru numru ta' vantaġġi

**Il-flus jitħallsu lura u jerġgħu jiġu użati għal darboħra** fl-istess reġjun għall-investimenti oħra. Dan huwa importanti ferm speċjalment fi żmien ta' tnaqqis fl-infieq pubbliku.

Flus pubbliċi **jinkuraġġixxu investiment privat**. Per eżempju, dawk l-imsejjħa 'investituri informali' jistgħu jinvestu f'negozji żgħar flimkien ma' strumenti ffinanzjati mill-UE meta dawn ma jkunu qatt investew waħedhom. Propjetà urbana li b'xi mod kienet ser tispiċċa ma tintużax tista tiġi kkonfigurata mill-ġdid għall-varjetà ta' użu

kummerċjali u industrijali minħabba li żviluppaturi tal-propjetà kapaċi jikkonvinċu rwieħhom sabiex jissieħbu fiha. Il-banek jistgħu jsellfu lill-intraprendituri li mhumiex kapaċi joffru kollaterali minħabba fond ta' granzija appoġġjat mill-UE.

Bl-investiment privat tiġi l-**kompetenza tal-investitur privat**. Ditti u awtoritajiet lokali jistgħu jibbenefikaw minn approċċ aktar dirett u prattiku (hands on) sabiex jiżviluppaw il-proġetti tagħhom minħabba li l-organizzazzjonijiet appuntati biex jamministraw l-istrumenti finanzjarji huma inċentivati biex jaraw l-investimenti tagħhom jinbidlu f'suċċess.

# U għalik x'hemm?

- Bħala **awtorità nazzjonali, reġjonali jew lokali**, int tista iżżid l-ingranaġġ tal-flus disponibbli għall-iżvilupp fiż-żona tiegħek billi tattira sorsi ta' finanzi oħra u jerġgħu jinvestu l-flus mħallsa lura.
- Bħala **intermedjarju finanzjarju**, int tista' tikkontribwixxi għall-iżvilupp sostenibbli fir-reġjun tiegħek billi tgħin fl-investiment ta' fondi tal-UE bi skambju ma' miżata għall-immaniġġjar, filwaqt li potenzjalment tkun qed twessa il-klijentela tiegħek.
- Bħala **ċittadin, intraprenditur jew negozju**, kapaċi tista' taċċessa l-finanzi fejn qabel il-banek ma' offrewx finanzjament jew offrewh b'termini mhux daqstant attraenti. L-awtorità maniġerjali tiegħek tgħidlek liema intermedjarji finanzjarji fir-reġjun tiegħek joffru prodotti finanzjarji ko-finanzjati mill-fondi tal-UE li jistgħu jkunu addattati għalik.

| | |
|---|---|
| Awtoritajiet Maniġerjali | • jsegwu l-objettivi tal-programmi eż. għajnuna lill-SMEs f'reġjun biex jikbru billi tiżdied il-provvista tal-finanzi<br>• jiġu riċiklati fondi li jerġgħu lura fil-qasam tal-programm<br>• l-IF jistgħu jaħdmu b'għotjiet b'mod kumplimentari<br>• jinkuraġġixxu l-ko-investiment mis-settur pubbliku u minn dak privat, iżidu r-riżorsi u r-riżultati tal-programmi<br>• jgħinu fl-iżvilupp ta' provvista permezz ta' bini ta' kapaċità u kapital addizzjonali |
| Banek Maniġers ta' fondi Investituri | • diversifikazzjoni/espansjoni tal-offerta ta' prodott, attivitajiet jew opportunitajiet ta' investiment<br>• parteċipazzjoni tas-settur pubbliku tikkondividi r-riskju<br>• riżorsi oħra jgħinu fl-iżvilupp ta' prodotti għal swieq ġodda jew għal oħrajn li qabel ma kienux vijabbli<br>• opportunitajiet biex wieħed jamministra l-fondi |
| Riċevituri finali | • jista' jaċċessa fondi li qabel ma kienux disponibbli<br>• jinkiseb finanzjament permezz ta' banek u intermedjarji finanzjarji oħra fir-reġjun, ħafna drabi bi proċeduri tal-applikazzjoni aktar sempliċi mis-self tal-bank normali<br>• jista' jiġi kombinat ma' appoġġ moderat bħal m'hija l-konsulenza jew l-avviż<br>• diversi tipi ta' strumenti disponibbli |

**www.fi-compass.eu**
**contact@fi-compass.eu**
© EIB (2015)

**European Commission**
Directorate-General
Regional and Urban Policy
Unit B.3 "Financial Instruments and IFIs' Relations"
B-1049 Brussels

**European Investment Bank**
Advisory Services
fi-compass
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg